MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 166/2011

**Av. Dottor Antoine Camilleri bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Hewlett-Packard Development Company, L.P., ta' 11445 Compaq Center Drive West, Houston, Texas 77070, Stati Uniti tal-Amerika**

**vs**
**Dr. Matin Fenech u P.L. Joanna Dingli gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' SARL Sebta Import /Export Adress : Cite Douzi 03, Lot N 410, Bab Ezzouar, Algerie Tel: +21321212414432 Fax: +21321212414435 b'digriet tat-30 ta' Marzu 2011**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tat-18 ta’ Frar 2011 li jghid hekk:

1. Ili s-socjeta’ rikorrenti Hewlett-Packard Development Company, L.P., ta’ 11445 Compaq Center Drive West, Houston, Texas 77070, Stati Uniti tal-Amerika hija proprjetarja ta’ diversi markji, fosthom il-markji “HP”, “HEWLETT-PACKARD”, u “HP INVENT” liema markji huma wzati fuq diversi prodotti bhal linka tal-printers, *printer toners*, *printer cartridges*, numru ta’ accessorji elettronici, accessorji ohra komuni f’dan il-qasam, kif ukoll fuq l-ippakkettjar ta’ dawn l-imsemmija prodotti, u dan skond kif jidher fuq id-Dokument “A”, d-Dokument “B”, d-Dokument “C”, d-Dokument “D”, d-Dokument “E”, d-Dokument “F”, u d-Dokument “G”;

2. Illi s-socjeta’ rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta’ proprjeta’ industrijali tal-istess markji “HP”, “HEWLETT-PACKARD”, u “HP INVENT” skond il-provvedimenti tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) – Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta’ proprjeta’ intelletwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, minhabba l-fatt illi s-socjeta’ rikorrenti irregistrat l-imsemmija markji “HP”, “HEWLETT-PACKARD”, u “HP INVENT” fir-Registru tal-Markji f’Malta taht *Trademark No*. 21690 (kif muri f’Dok. “A”), *Trademark No*. 21693 (kif muri f’Dok. “B”) u *Trademark No*. 34064 (kif muri f’Dok. “C”), liema markji huma wkoll irregistrati bhala *Trademarks* Komunitarji mal-‘Office for Harmonization in the Internal Market’ tal-Unjoni Ewropeja (ibbazat f’Alicante, Spanja) taht Numru 000051128 (kif muri f’Dok. “D”), Numru 000052449 (kif muri f’Dok. “E”), taht Numru 000052647 (kif muri f’Dok. “F”) u taht Numru 001507276 (kif muri f’Dok. “G”), kif ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta’ rikorrenti ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinji jew xogholijiet artistici “HP” u “HP INVENT”, u dan kollu ai termini tal-artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)

tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta u tal-artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003;

3. Illi jirrizulta illi fil-15 ta’ Jannar 2011 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV “CMA CGM NERVAL”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ *printer toners* li jgibu l-markji “HP”, “HEWLETT-PACKARD”, u “HP INVENT” fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f’numru li ghadu mhux ikkonfermat ta’ *printer toners* (liema numru ghandu jigi kkonfermat mid-Dwana ta’ Malta galadarba jkollhom zmien sabiex jittrasportaw u jghoddu l-kontenut kollu tal-*printer toners* u li ghaldaqstant dan l-ammont jigi pprecizat matul il-kawza) b’Container Numru CMAU0093097, u dan bi ksur tal-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003, u bi ksur tal-Provvedimenti tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta [Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)];

4. Illi mill-Polza ta’ Kargu Numru SHZ1091155 jirrizulta li l-konsenjatarji tal-*printer toners* in kwistjoni huma ndikati bhala SARL Sebta Import /Export Adress : Cite Douzi 03, Lot N 410, Bab Ezzouar, Algerie Tel: +21321212414432 Fax: +21321212414435, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma ndikati bhala Dimex International Co, Ltd N547, Huangqiang Road, Shenzhen;

5. Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta’ intellettwali huwa projibit skond l-artikolu 16 ta’ l-istess Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 u skond l-artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi dawn il-*printer toners* in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ rikorrenti skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 u/jew skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, u

dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamlet rapprezentanta tas-socjeta' estera Delphi Company Srl ghas-socjeta' rikorrenti (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. "H");

7. Illi din il-konsenja ta' *printer toners* bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 u tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar dan il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. "I");

8. Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita' Ewropeja u fil-kazistika tal-'European Court of Justice' illi r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropeja u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 u tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 fuq it-*Trademark* Komunitarja ghandhom jigu nvokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;

9. Illi l-artikolu 9 tal-Avviz Legali Numru 233 ta' l-2003 intitolat "Regoli ta' l-2003 dwar it-*Trademark* Komunitarja" jistipula illi l-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw dwar *Trademarks* Komunitarji huma l-Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell;

10. Illi l-Avukat Dr. Antoine Camilleri noe jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li inghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Għaldaqstant, ir-rikorrent nomine jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-*printer toners* in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet

is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414 u/jew skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003);

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-msemmija konsenja ta' *printer toners*, li tikkonsisti f'numru ta' *printer toners* li ser jigi kkonfermat (kif spjegat aktar il-fuq) b'Container Numru CMAU0093097, da parti tas-socjeta' intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414 [Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)] u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* irregistrati f'isem is-socjeta' rikorrenti bin-Numri 21690, 21693 u 34064 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' rikorrenti ghandha fuq ix-xogholijiet artistici taghha "HP" u "HP INVENT";

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-msemmija konsenja ta' *printer toners*, da parti tas-socjeta' intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 16 ta' l-istess Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003, u/jew skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tar-registrazzjoniji tat-*Trademarks* Komunitarji Numru 000051128, Numru 000052449, Numru 000052647 u Numru 001507276, irregistrati f'isem is-socjeta' rikorrenti [dan kollu skond il-

provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 207/2009 tas-26 ta’ Frar 2009 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja)], u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta’ rikorrenti ghandha fuq ix-xogholijiet artistici taghha “HP” u “HP INVENT”;

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta’ rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu l-*printer toners* in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta’ intimata, skond l-artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 u/jew skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista’ skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 u/jew skond it-termini tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-konfront tas-socjeta’ rikorrenti;

6. Tordna lis-socjeta’ intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-*printer toners* in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 u/jew skond it-termini tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta’ intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. A sa Dok. L;

Rat id-digriet tat-30 ta’ Marzu 2011 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entita` intimata;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tas-27 ta’ April 2011 fejn ecceppew:-

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti u jirriserva li jipproduci l-provi tieghu fl-istadju ulterjuri;

2. Fit-tieni lok qieghed jirriserva li jissottometti l-provi wara li jircievi risposta fuq l-ittra li ntbghatet;

Rat il-lista tax-xhieda tal-istess kuraturi deputati;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-4 ta' Mejju 2011 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Antoine Camilleri nomine li ddikjara li ma ghandhux aktar provi. Deher ukoll Dr. Martin Fenech bhala kuratur deputat li rrimetta ruhu ghall-atti tal-kawza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-19 ta' Mejju 2011;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li is-socjeta` attrici hija proprjetarja ta' diversi markji fosthom tal-markji "HP" "HEWLETT-PACKARD" u "HP INVENT", liema markji huma wzati minn din is-socjeta` fuq diversi prodotti bhal linka tal-printers, printer toners, printer cartridges, u numru ta' accessorji elettronici, u accessorji ohra komuni f'dan il-qasam, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti A sa G, liema markji huma registrati bhala Trademarks fir-Registru tal-Markji ta' Malta bin-numri 21690 (Dok. A), 21693 (Dok. B), 34064 (Dok. C) u dawk komunitarji numru 000051128 kif muri f'Dok. D, numru 000052449 kif muri f'Dok. E, numru 000052647 kif muri f'Dok. F, numru 001507276 kif muri f'Dok. G.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'*container* Numru CMAU0093097 li kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapuri CMA CGM Nerval li kien diehel Malta fil-15 ta' Jannar 2011 l-Ufficjali tad-Dwana sab konsenja ta' printer toners li jgibu l-markji distintivi tas-socjeta' rikorrenti liema konsenja tikkonsisti f'elf hames mija u sbatax (1,517) printer toners u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artiklu 4

tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 28 ta' Jannar 2011 (Dok. H) maghmula minn Giuliana Ester Foresti rapprezentanta tas-socjeta' rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta` attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skond il-ligi, u fit-terminu ndikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat esebiti bhala Dok. A sa Dok. L u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana (Dok. GA1) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta' Giulana Ester Foresti li kkonfermat li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni ta' l-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit tal-Ufficjali tad-Dwana (Dok. GA1) tat-3 ta' Mejju 2011. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konsenja ta' elf hames mija u sbatax (1,517) printer toners in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles tal-konsenja ta' elf hames mija u sbatax (1,517) printer toners b'Container Numru CMAU0093097 da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu

maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti nkwantu li ma humiex genwini, skont l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks Komunitarji registrati f'isem is-socjeta` rikorrenti bin-Numri 000051128, 000052449, 000052647 u 001507276 u dawk ta' Malta bin-numri 21690, 21693, 34064;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex abbazi ta' l-ewwel zewg talbiet attrici fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-printer toners in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tas-socjeta` intimata, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lis-socjeta` intimata thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni ta' elf hames mija u sbatax (1,517) printer toners in kwistjoni, u ta' l-ispejjez ta' l-Ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414 kif jirrizulta mill-affidavit tal-Kontrollur tad-Dwana Dok. GA1 datat 10 ta' Marzu 2011;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames talba billi ma hemmx bzonnha;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta'/entita' konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------